

Brussell, 25 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7258/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0345(COD)**

---

CODEC 302  
ECODEX 1  
EJUSTICE 37  
JUSTCIV 28  
JAI 353  
COPEN 90  
IXIM 52  
DATAPROTECT 71  
CSC 102  
PE 22

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726  
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew  
(Brussell, mit-23 sal-24 ta' Marzu 2022)

---

## I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-ko-rapporteurs, Emil RADEV (PPE, BG) u Nuno MELO (PPE, PT), ippreżentaw emenda ta' kompromess (l-emenda numru 71) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq fisem, rispettivament, il-Kumitati LIBE u JURI. Kien intlaħaq ftehim dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmijin hawn fuq.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOT

Meta vvotat fl-24 ta' Marzu 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 71) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument<sup>2</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**P9\_TA(2022)0091**

**Sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntiera ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX) \*\*\*I**

**Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (COM(2020)0712 – C9-0389/2020 – 2020/0345(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0712),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 81(2) u 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0389/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2021<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-15 ta' Diċembru 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċeduri tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fl-ambitu tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0288/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

<sup>1</sup> ĠU C 286, 16.7.2021, p. 82.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9\_TC1-COD(2020)0345

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Marzu 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni għudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) u l-Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 286, 16.7.2021, p. 82.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022.

Billi:

- (1) L-iżgurar tal-aċċess effettiv għal ċittadini u negozji għall-ġustizzja u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ***f' materji ċivili, inkluż dawk kummerċjali, u kriminali*** bejn l-Istati Membri huma fost l-oġġettivi ewlenin tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-***Unjoni*** minqusa fit-Tielet Parti, Titolu V tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***.
- (2) ***Xi drabi jkun diffiċli li jiġu aċċessati s-sistemi ġudizzjarji għal għadd ta' raġunijiet bħall-proċeduri legali formalistiċi u għaljin, dewmien proċedurali twil u spejjeż kbar għall-użu tas-sistemi tal-qrati.***
- (3) B'hekk huwa importanti li jiġu żviluppati mezzi xierqa biex jiġi żgurat li s-sistemi ġudizzjarji jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod diġitali b'mod effiċjenti. Għalhekk, huwa essenzjali li tiġi stabbilita, fil-livell tal-Unjoni, sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tippermetti l-iskambju elettroniku transfruntier rapidu, dirett, interoperabbli, ***sostenibbli, affidabbli*** u sigur ta' data relatata mal-każijiet, ***filwaqt li jibqa' jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Jenħtieġ li*** tali sistema ***tikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja u t-trasparenza billi*** tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jiskambjaw dokumenti u evidenza f'forma diġitali ma' awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta dan ikun previst ***mil-liġi*** nazzjonali jew tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li dik is-sistema żżid il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u l-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri.***

- (4) *Jenħtieġ li d-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti f'materji ċivili u kriminali tiġi mħeġġa bil-għan li jissaħħu l-istat tad-dritt u garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja.*
- (5) *Dan ir-Regolament jikkonċerna l-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u l-kompetenzi rispettivi tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li jinftiehem f'konformità ma' atti legali tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*
- (6) Għodod li ma ssostitwixxewx jew ma kinux jeħtieġu modifiki għalja fis-sistemi back-end eżistenti stabbiliti fl-Istati Membri ġew żviluppati preċedentement għall-iskambju *elettroniku transfruntier* ta' data relatata mal-każijiet. Il-Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja Elettronika permezz ta' Skambju ta' Data Online (e-CODEX) hija l-għodda ewlenija żviluppata s'issa.

- (7) Is-sistema e-CODEX hija għodda mfassla speċifikament biex tiffaċilita l-iskambju elettroniku transfruntier ta' ***data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll kriminali***. Fil-kuntest ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti f'materji ċivili u kriminali, l-għan tas-sistema e-CODEX huwa li ttejjeb l-effiċjenza tal-komunikazzjoni transfruntiera bejn awtoritajiet kompetenti u li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja taċ-ċittadini u n-negozji. ***Sat-trasferiment tas-sistema e-CODEX lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, is-sistema e-CODEX ser tiġi mmaniġġjata minn konsorzju ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet b'finanzjament minn programmi tal-Unjoni (l-"entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX")***.
- (8) ***Is-sistema e-CODEX tipprovdi soluzzjoni interoperabbli għas-settur tal-ġustizzja biex jiġu kkonnettjati s-sistemi tal-IT tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-ġudikatura, jew organizzazzjonijiet oħra. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistema e-CODEX titqies bħala s-soluzzjoni preferuta għal network ta' komunikazzjoni interoperabbli, sigur u deċentralizzat bejn is-sistemi nazzjonali tal-IT fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.***
- (9) ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iskambju elettroniku ta' data jinkludi kwalunkwe kontenut trażmissibbli f'forma elettronika permezz tas-sistema e-CODEX, bħal pereżempju reġistrazzjonijiet ta' test jew awdjo, u dik viżiva jew awdjoviżiva, fil-forma ta' data, fajls jew metadata strutturati jew mhux strukturati.***

---

<sup>1</sup> ***Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).***

- (10) *Dan ir-Regolament ma jipprevedix l-użu obligatorju tas-sistema e-CODEX. Bl-istess mod, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament xejn ma jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżviluppaw u jmantnu każijiet tal-użu pilota.*
- (11) Is-sistema e-CODEX tikkonsisti f'żewġ elementi ta' software: **gateway** għall-iskambju ta' messaġġi ma' gateways oħra; u **konnettur** ■ , li jipprovdi għadd ta' funzjonalitajiet relatati mal-iskambju ta' messaġġi bejn is-sistemi nazzjonali tal-IT. **Bħalissa, il-gateway** hija bbażata fuq element kostitwenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa miżmum mill-Kummissjoni magħrufa bħala "eDelivery", filwaqt li ■ l-ġestjoni tal-konnettur titwettaq mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. Il-konnettur jipprovdi funzjonijiet bħall-verifika tal-firem elettroniċi permezz ta' librerija tas-sigurtà u prova tal-konsenja. Barra minn hekk, l-entità li tmexxi s-sistema e-CODEX żviluppata **skemi ta' data** għall-formoli diġitali li għandhom jintużaw fil-proċeduri ċivili u kriminali speċifiki li għalihom ġiet ippilotata s-sistema e-CODEX.

- (12) Minħabba l-importanza tas-sistema e-CODEX għall-iskambji transfruntiera fil-qasam tal-kooperazzjoni għudizzjarja fl-Unjoni, jenħtieġ li s-sistema e-CODEX tiġi stabbilita permezz ta' qafas legali sostenibbli tal-Unjoni li jipprevedi regoli rigward il-funzjonament u l-iżvilupp tagħha. Jenħtieġ li tali qafas legali ***jżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif previst fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment dawk minnuxa fit-Titolu VI tagħha, u b'mod partikolari fl-Artikolu 47 dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust. Jenħtieġ li bl-ebda mod ma ddgħajjef l-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali li huma essenzjali għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet fundamentali. Jenħtieġ li wkoll jistabbilixxi b'mod ċar u jinkwadra l-komponenti tas-sistema e-CODEX sabiex jiggwarantixxi s-sostenibbiltà teknika u s-sigurtà tagħha. Jenħtieġ li s-sistema e-CODEX tistabbilixxi l-komponenti tal-IT ta' punt ta' aċċess e-CODEX, li jenħtieġ li jikkonsistu minn gateway għall-finijiet ta' komunikazzjoni sigura ma' gateways oħra identifikati u konnettur għall-fini ta' appoġġ għall-iskambju tal-messaġġi. Jenħtieġ li s-sistema e-CODEX tinkludi wkoll standards proċedurali diġitali biex tappoġġa l-użu ta' punti ta' aċċess e-CODEX għall-proċeduri legali previsti mill-atti legali tal-Unjoni adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni għudizzjarja f'*materji ċivili u kriminali* u biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-punti ta' aċċess e-CODEX.***

- (13) *Peress li l-interoperabbiltà semantika, bħala wieħed mis-saffi tal-interoperabbiltà, jenħtieġ li tkun fattur li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi interazzjoni standardizzata u sinifikanti bejn żewġ partijiet jew aktar, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-Vokabularju Fundamentali tal-Ġustizzja elettronika tal-UE, li huwa assi għal termini semantiċi u definizzjonijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw biex jiġu żgurati l-konsistenza tad-data u l-kwalità tad-data matul iż-żmien u bejn il-każijiet ta' użu.*
- (14) Peress li huwa meħtieġ li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema e-CODEX u l-governanza tagħha, filwaqt li **jiġi rispettati** il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura, jenħtieġ li tinħatar entità xierqa għall-ġestjoni tas-sistema e-CODEX. **Jenħtieġ li tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura, fil-kuntest tal-governanza tas-sistema e-CODEX fi ħdan dik l-entità.**

- (15) L-aktar entità xierqa ■ għall-ġestjoni tas-sistema e-CODEX hija aġenzija, peress li l-istruttura ta' governanza tagħha tippermetti lill-Istati Membri jkunu involuti ■ fil-ġestjoni tas-sistema e-CODEX billi jipparteċipaw fil-bord ta' ġestjoni, ■ **il-bord** tat-tmexxija tal-programm **u l-grupp konsultattiv** tal-aġenzija. **L-eu-LISA** għandha esperjenza rilevanti fil-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Għalhekk, jenħtieġ li l-eu-LISA tiġi fdata ■ bil-ġestjoni tas-sistema e-CODEX. Jeħtieġ ukoll li tiġi aġġustata l-istruttura ta' governanza eżistenti tal-eu-LISA billi jiġu adattati r-responsabbiltajiet tal-Bord tat-Tmexxija tagħha u billi jiġi stabbilit Grupp Konsultattiv e-CODEX. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1726 jiġi emendat skont dan. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll Bord tat-Tmexxija tal-Programm **e-CODEX** speċifiku, **b'kont meħud tal-bilanċ bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX jagħti parir lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet, inkluż dwar l-iżvilupp ta' standards proċedurali diġitali, karatteristiċi ġodda u verżjonijiet ġodda tas-software.**

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1726, il-funzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA huma, fost l-oħrajn, li jiżgura li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha tal-eu-LISA li jaffettwaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jirrispettaw il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura. L-istruttura ta' governanza u l-iskema ta' finanzjament tal-eu-LISA jiggarrantixxu ulterjorment li jiġi rispettat dak il-prinċipju. **Huwa** importanti wkoll li jiġu involuti l-professjonijiet legali, **esperti oħra u** partijiet ikkonċernati rilevanti fil-governanza tas-sistema e-CODEX permezz tal-**Grupp Konsultattiv u l-Bord** tat-Tmexxija tal-Programm **e-CODEX. L-arranġamenti u l-kondizzjonijiet dettaljati fir-rigward tal-involviment tal-professjonijiet legali, esperti oħra u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jenħtieġ li jippermettulhom jipparteċipaw b'mod effettiv u jiġu kkonsultati b'mod effettiv, prinċipalment billi jiġi żgurati li jitqies kif xieraq il-feedback tagħhom.**
- (17) Minħabba l-kompiti prijoritarji tal-eu-LISA li tiżviluppa u tmexxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac, kif ukoll il-kompitu strateġiku li tistabbilixxi qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, jenħtieġ li l-eu-LISA ■ terfa' r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX **bejn l-1 ta' Lulju 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023.**

- (18) *Jenħtieġ li l-korrispondenti e-CODEX ikunu intitolati jitolbu u jirċievu appoġġ tekniku skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li jappoġġaw it-tħaddim tas-sistema e-CODEX fost l-Istati Membri. Ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA jenħtieġ li jindirizzaw il-kwistjoni tal-għadd ta' korrispondenti e-CODEX fl-Istati Membri u fil-Kummissjoni, b'mod proporzjonat għall-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni u għall-għadd ta' standards proċedurali diġitali li dawn japplikaw.*
- (19) *Is-sistema e-CODEX tista' tintuża f'materji ċivili u kriminali transfruntiera. Jenħtieġ li jkun possibbli li s-sistema e-CODEX u l-komponenti tas-sistema e-CODEX jintużaw għal finijiet oħra barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-ambitu tal-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni sakemm tali użu ma jxekklix l-użu tas-sistema e-CODEX. Dan ir-Regolament japplika biss għall-iskambju transfruntier tad-data bejn sistemi konnessi permezz ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, f'konformità mal-istandards proċedurali diġitali korrispondenti.*

(20) Jenħtieġ li l-eu-LISA tkun responsabbli għall-komponenti tas-sistema e-CODEX, ħlief **█** għall-ġestjoni tal-**gateway**, peress li bħalissa huwa pprovdut mill-Kummissjoni fuq bażi transsettorjali fi ħdan eDelivery. L-eu-LISA jenħtieġ li tieħu f'idejha r-responsabbiltà sħiħa **█** għall-ġestjoni tal-**konnnettur** u l-istandards proċedurali diġitali mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. Peress li l-**gateway** u l-**konnnettur** huma komponenti integrali tas-**sistema e-CODEX**, jenħtieġ li l-eu-LISA tiżgura li l-konnnettur huwa kompatibbli mal-aħħar verżjoni tal-gateway. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi lill-eu-LISA **fix-xogħol ta' tħejjija li jsir qabel ma l-eu-LISA tieħu f'idejha r-responsabbiltà tas-sistema e-CODEX u fil-korp ta' governanza** rilevanti tal-eDelivery mill-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(21) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Jenħtieġ li l-atti ta' implimentazzjoni adottati f'dak il-qafas jistabbilixxu: l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi, inkluż għas-sigurtà ***u l-metodi għall-verifika tal-integrità u l-awtentiċità***, li jirfdu l-komponenti tas-sistema e-CODEX; ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet imwettqa mill-eu-LISA u speċifikazzjonijiet tekniċi neċessarji oħra għal dawk l-attivitajiet, ***inkluż l-għadd ta' korrispondenti e-CODEX għall-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, b'mod proporzjonat għall-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati u għall-għadd ta' standards proċedurali diġitali li huma japplikaw***; u l-***arranġamenti speċifiċi*** għat-trasferiment u l-akkwist tas-sistema e-CODEX. ***Jenħtieġ li*** l-atti ta' implimentazzjoni jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll standards proċedurali diġitali biex jappoġġaw l-użu tas-sistema e-CODEX fil-proċeduri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ***f'materji ċivili u kriminali***.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (22) *Jenħtieġ li l-konnettur ikun jista' jappoġġa teknikament it-tipi kollha ta' siġilli elettroniċi u firem elettroniċi kif previst fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi stabbiliti mill-Kummissjoni jinkludu standards operattivi tas-sigurtà fir-rigward tal-konnettur. Ir-rekwiżiti ta' sigurtà għall-funzjonament tal-konnetturi jenħtieġ li jieħdu kont tal-istandards għall-informazzjoni u atti legali eżistenti tal-Unjoni, bħar-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2016/679<sup>2</sup> u (UE) 2018/1725<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>.*
- (23) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-eu-LISA fir-rigward tal-ġestjoni tas-sistema e-CODEX.
- (24) *Jenħtieġ li l-kompiti tal-eu-LISA jinkludu ż-żieda ta' karatteristiċi ġodda mas-sistema e-CODEX, jekk ikun meħtieġ. Jenħtieġ li karatteristika ġdida minn dawn tkun karatteristika fil-konnettur li tippermetti l-irkupru ta' data statistika rilevanti rigward l-għadd ta' messaġġi tekniċi mibgħuta u riċevuti permezz ta' kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat.*

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elektronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

(25) **Fil-livell** nazzjonali, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jawtorizzaw lill-awtoritajiet pubbliċi **jew lill-persuni ġuridiċi, bħal** kumpanniji privati u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-prattikanti legali, **jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX**. Jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu lista ta' tali punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati u jinnotifikawhom lill-eu-LISA sabiex ikunu jistgħu **ikollhom interazzjoni bejniethom** fil-kuntest tal-proċeduri rilevanti. Entitajiet li joperaw punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fil-livell nazzjonali jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679. **Fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tawtorizza lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX. Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm lista ta' tali punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati u tinnotifikahom lill-eu-LISA sabiex ikunu jistgħu jkollhom interazzjoni bejniethom fil-kuntest tal-proċeduri rilevanti. Entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati fil-livell tal-Unjoni jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725.** Filwaqt li l-eu-LISA jenħtieġ tiżgura **l-ġestjoni tas-sistema e-CODEX,** u b'kont meħud tan-natura deċentralizzata tas-sistema e-CODEX, ir-responsabbiltà għall-istabbiliment u t-tħaddim tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jenħtieġ li tkun esklużivament f'idejn l-entitajiet li jħaddmu l-punti ta' aċċess **e-CODEX awtorizzati** rilevanti. **Entità** li topera **punt** ta' aċċess e-CODEX awtorizzat jenħtieġ iġġorr ir-responsabbiltà għal kwalunkwe dannu li jirriżulta mill-operazzjoni ta' **dak** il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat, **f'konformità mal-liġi applikabbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jivverifikaw li entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jkollhom it-tagħmir tekniku u r-riżorsi umani meħtieġa sabiex jiggwarantixxu li s-sistema e-CODEX tiffunzjona b'mod xieraq u affidabbli. Meta daww l-entitajiet ma jkollhomx it-tagħmir tekniku u r-riżorsi umani meħtieġa, jenħtieġ li l-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat tagħhom jitlef l-awtorizzazzjoni tiegħu.**

- (26) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jissorveljaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li tagħhom huma responsabbli, b'mod partikolari meta dawn jitħaddmu minn entitajiet li mhumiex awtoritajiet pubbliċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri ta' sigurtà tad-data adegwati.*
- (27) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar is-sistema e-CODEX permezz ta' sett ta' kanali ta' komunikazzjoni fuq skala kbira, inkluż siti web u pjattaformi tal-media soċjali.*
- (28) *Filwaqt li huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddetermina l-istandards proċedurali diġitali li kull punt ta' aċċess e-CODEX li jkun awtorizza huwa intitolat li japplika, jenħtieġ li, madankollu, kull Stat Membru jiżgura li l-istandards proċedurali diġitali kollha adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament japplikaw fit-territorju tagħhom.*

- (29) ***Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu*** għall-monitoraġġ tal-***impatt*** tal-istrumenti li jippermettu l-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'***materji*** ċivili u kriminali fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-***entitajiet li jħaddmu*** l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jkunu jistgħu jiġbru u jmantnu b'mod sistematiku data komprensiva dwar l-użu ***tas-sistema e-CODEX***. Jenħtieġ li dak mhux biss itaffi x-xogħol tal-Istati Membri fil-ġbir tad-data rilevanti u jiżgura r-responsabbiltà reċiproka u t-trasparenza, iżda jiffaċilita wkoll b'mod sinifikanti l-monitoraġġ ***ex-post*** mill-Kummissjoni tal-atti legali tal-Unjoni adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'***materji*** ċivili u kriminali. Jenħtieġ li l-informazzjoni miġbura tinkludi biss data aggregata u jenħtieġ li ma tikkostitwix data personali.
- (30) ***Meta tipprovdi appoġġ tekniku lill-korrispondenti tal-e-CODEX fir-rigward tas-sistema e-CODEX, l-eu-LISA jenħtieġ li taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt, inkluż għall-finijiet tal-gateway.***

- (31) Jenħtieġ li l-eu-LISA żżomm livell għoli ta' sigurtà meta twettaq il-kompiti tagħha. Meta twettaq aktar evoluzzjonijiet tekniċi tas-software *jew tiżviluppa aġġornamenti*, jenħtieġ li l-eu-LISA timplimenta l-prinċipji tas-sigurtà mid-disinn u tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħtieġ li entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat iġġorr ir-responsabbiltà għas-sigurtà *u l-protezzjoni* tad-data trażmessa permezz tal-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat.

- I**
- (32) *Informazzjoni klassifikata, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, jenħtieġ li ma tiġix trażmessa permezz tas-sistema e-CODEX, sakemm ma jiġux sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti previsti f'dak il-Ftehim, f'atti legali oħra tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali.*

---

<sup>1</sup> *ĠU C 202, 8.7.2011, p. 13.*

(33) Sabiex l-eu-LISA tkun tista' tħejji b'mod adegwat għall-akkwist tas-sistema e-CODEX, l-entità li tmexxi s-sistema e-CODEX jenħtieġ li tissottometti sal-31 ta' Diċembru 2022 dokument ta' trasferiment li jstabilixxi l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX, inkluż il-kriterji għal proċess ta' trasferiment b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess, f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Id-dokument ta' trasferiment jenħtieġ li jkopri l-komponenti tas-sistema e-CODEX inkluż il-gateway, il-konnettur u l-istandards proċedurali diġitali, kif ukoll il-prodotti **software, id-dokumentazzjoni u assi oħra ta' appoġġ rilevanti**. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni sabiex tiżgura li dan jikkonforma mal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament u d-dokument ta' trasferiment. Jenħtieġ li l-akkwiżizzjoni sseħħ biss ladarba l-Kummissjoni tkun iddikjarat li l-proċess tlesta b'suċċess, **wara li tikkonsulta lill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u lill-eu-LISA**. Wara li tissottometti d-dokument ta' trasferiment u sakemm is-sistema e-CODEX tgħaddi b'suċċess lill-eu-LISA, l-entità li tmexxi s-sistema e-CODEX jenħtieġ li ma **twettaq ebda tibdil fis-sistema e-CODEX jew** ma tirrilaxxa ebda **software** ġdid **ħlief għall-iskop li ssir** manutenzjoni korrettiva tas-sistema e-CODEX .

- (34) Bħala parti mit-trasferiment tas-sistema e-CODEX lill-eu-LISA, jenħtiegħ li jiġi żgurat li kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali jew dritt ta' użu relatat mas-sistema e-CODEX u l-prodotti software, id-dokumentazzjoni u assi oħra ta' appoġġ rilevanti jiġu trasferiti lill-eu-LISA sabiex din tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha skont dan ir-Regolament. Madankollu, għall-komponenti ewlenin tas-software tas-sistema e-CODEX, mhux meħtiegħ trasferiment kuntrattwali peress li daww il-komponenti tas-software huma sors miftuħ u kopert mil-Liċenzja Pubblika tal-Unjoni Ewropea.
- (35) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa s-sistema e-CODEX fuq bażi regolari, jenħtiegħ li l-eu-LISA tirrapporta lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-evoluzzjoni teknika u l-funzjonament tekniku tas-sistema e-CODEX. Sabiex jikkontribwixxu għal dak ir-rapport, jenħtiegħ li l-Istati Membri jipprovdu lill-eu-LISA l-informazzjoni rilevanti dwar il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati **għas-sistemi konnettjati fit-territorju** tagħhom, u jenħtiegħ li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni rilevanti dwar il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li jiġihaddmu minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni.
- (36) **Jenħtiegħ li l-Grupp Konsultattiv e-CODEX jipprovdi lill-eu-LISA bl-għarfien espert meħtiegħ relatat mas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari billi jipromwovi l-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki. Jenħtiegħ li jkun possibbli għall-Grupp Konsultattiv e-CODEX li jkun involut fl-iżvilupp ta' standards proċedurali diġitali ġodda, inkluż daww immedija fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri.**

- (37) *Jenħtieġ li l-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX u tas-supplenti tagħhom ikun jista' jigggedded. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lir-rappreżentanza ta' Stati Membri differenti fil-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX, li għandu jiġi promoss kull meta jkun possibbli sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu rappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX maż-żmien.*
- (38) *Fit-twettiq ta' dmirijietu, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX jiżgura li l-miżuri kollha meħuda mill-eu-LISA fir-rigward tas-sistema e-CODEX, kemm jekk tekniċi, pereżempju miżuri li jikkonċernaw l-infrastruttura, il-ġestjoni tad-data u s-separazzjoni tad-data, jew dawk organizzattivi, pereżempju, miżuri li jikkonċernaw persunal ewlieni u riżorsi umani oħra, ikunu f'konformità mal-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura.*
- (39) *Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jivvalutaw is-suċċess tat-trasferiment tas-sistema e-CODEX u kemm taħdem tajjeb is-sistema e-CODEX b'mod ġenerali, jenħtieġ li l-Kummissjoni regolarment tipproduċi evalwazzjonijiet ġenerali tas-sistema e-CODEX. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji din l-ewwel evalwazzjoni tliet snin wara li l-eu-LISA tieħu f'idejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem.*

- (40) *Jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti lill-eu-LISA sabiex jiġi żgurat li tkun kapaċi twettaq b'mod adegwat il-kompiti l-ġodda kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-riżorsi impenjati għat-tħaddim tas-sistema e-CODEX f'konformita ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jintużaw għal ebda skop ieħor.*
- (41) *Fir-rigward tal-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-kompiti stipulati minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jżomm lill-Istati Membri milli japplikaw għal finanzjament minn programmi ta' finanzjament tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tas-sistema e-CODEX fil-livell nazzjonali.*
- (42) *Sakemm ikun permess mil-liġi nazzjonali, xejn minn dan ir-Regolament ma jipprevjeni l-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-eu-LISA b'mod awtomatizzat, b'mod partikolari kif previst f'dan ir-Regolament.*

- (43) Dan ir-Regolament *ma* jipprovd i ebda bażi ġuridika speċifika għall-ipproċessar ta' data personali. Jenħtieġ li kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament ikun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-*Direttivi 2002/58/KE<sup>1</sup> u (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq minn entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li huma stabbiliti fit-*territorju* tal-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.
- (44) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, *uffiċċji* u aġenziji tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

- (45) *Jenħtieġ li jkun possibbli għall-organizzazzjonijiet internazzjonali jew għall-korpi subordinati tagħhom, regolati mid-drift internazzjonali pubbliku, jew entitajiet jew korpi rilevanti oħra, li huma stabbiliti minn, jew abbażi ta', ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar, li jipparteċipaw fis-sistema e-CODEX bħala partijiet ikkonċernati rilevanti wara li l-ġestjoni operazzjonali tagħha tkun ġiet fdata lill-eu-LISA. Għal dak il-għan, u sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv, standardizzat u sigur tas-sistema e-CODEX, jenħtieġ li jkun possibbli għall-eu-LISA li tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma ma' daww l-organizzazzjonijiet, il-korpi u l-entitajiet skont ir-Regolament (UE) 2018/1726.*
- (46) *Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi stabbilita s-sistema e-CODEX fil-livell tal-Unjoni, u li l-ġestjoni tas-sistema tingħata f'idejn l-eu-LISA, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-għanijiet.*

- (47) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistudja l-fattibbiltà li pajjiżi terzi jitħallew jipparteċipaw fis-sistema e-CODEX u, jekk meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tippermetti tali parteċipazzjoni u tistabilixxi r-regoli u l-protokollu għal dak il-għan.*
- (48) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (49) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

█

- (50) *Is-sede tal-eu-LISA ġiet stabbilita f'Tallinn, l-Estonja. Fid-dawl tan-natura u l-karatteristiċi speċifiċi tagħha, tqies xieraq li s-sistema e-CODEX tiġi żviluppata u mmaniġġjata b'mod operattiv f'Tallinn, l-Estonja.*
- (51) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu 1

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1

#### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-qafas legali għas***-sistema e-CODEX.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar dawn li ġejjin:
  - (a) id-definizzjoni, il-kompożizzjoni, ***il-funzjonijiet u l-ġestjoni*** tas-sistema e-CODEX;
  - (b) ir-***responsabbiltajiet tal***-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ***fir-rigward tas-sistema e-CODEX***;
  - (c) ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-entitajiet li jħaddmu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
  - (d) ***il-qafas legali għas-sigurtà tas-sistema e-CODEX***.

## Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-**iskambju** elettroniku transfruntier ta' **data** fil-qasam tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji** ċivili u kriminali permezz tas-sistema e-CODEX f'konformità mal-atti legali tal-**Unjoni** adottati f'dak il-qasam.

## Artikolu 3

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) **"sistema e-CODEX"** (sistema ta' **Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online**) tfisser sistema deċentralizzata u interoperabbli għall-komunikazzjoni transfruntiera għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku ta' data, li tinkludi kwalunkwe kontenut trażmissibbli f'forma elettronika, b'mod rapidu, sigur u affidabbli fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali;
- (2) "il-punt ta' aċċess e-CODEX" tfisser il-**pakketti** ta' software installati fuq infrastruttura tal-hardware li kapaċi jittrażmettu u jirċievu informazzjoni lejn u minn punti ta' aċċess e-CODEX oħra b'mod **sigur u affidabbli**;

- (3) "punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat" tfisser punt ta' aċċess e-CODEX li jkun ġie **awtorizzat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru** u nnotifikat lill-eu-LISA f'konformità mal-Artikolu 6(4) jew l-Artikolu 8(1) u li japplika **mill-inqas** standard proċedurali diġitali **wieħed**;
- (4) "entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat" tfisser **■** awtorità pubblika nazzjonali jew persuna ġuridika **awtorizzata skont il-liġi nazzjonali jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni** li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat;
- (5) **"korrispondent e-CODEX"** tfisser persuna fiżika maħtura minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, li tista' titlob u tirċievi appoġġ tekniku kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (f), mill-eu-LISA li jikkonċerna l-komponenti kollha tas-sistema e-CODEX f'konformità mal-Artikolu 7(3);
- (6) "sistema konnettjata" tfisser sistema tal-IT li hija konnettjata ma' punt ta' aċċess e-CODEX għall-fini ta' **skambju ta' data** ma' **tali sistemi tal-IT** oħra;

- (7) "pjattaforma ċentrali tal-ittestjar" tfisser **komponent** tas-**sistema** e-CODEX, użat esklużivament għall-ittestjar, li jipprovdi sett ta' funzjonijiet li jistgħu jintużaw minn entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati biex jivverifikaw jekk il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati tagħhom humiex qed joperaw b'mod korrett u jekk l-istandards proċedurali diġitali fis-sistemi konnessi **assoċjati ma' dawk** il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati humiex qed jintużaw b'mod korrett;
- (8) "mudell ta' proċess tan-negozju" tfisser rappreżentazzjoni grafika u testwali ta' mudell kunċettwali ta' diversi attivitajiet jew kompiti strutturati relatati, flimkien mal-mudelli tad-data rilevanti, u s-sekwenza li fiha l-attivitajiet jew il-kompiti jridu jitwettqu sabiex tinkiseb interazzjoni **standardizzata u** sinifikanti bejn żewġ partijiet jew aktar;

## I

- (9) **"standard proċedurali diġitali" tfisser l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċess tan-negozju u l-iskemi tad-data li jistabbilixxu l-istruttura elettronika tad-data skambjata permezz tas-sistema e-CODEX ibbażata fuq il-Vokabularju Fundamentali tal-Ġustizzja elettronika tal-UE.**

#### *Artikolu 4*

##### *Nondiskriminazzjoni u rispett għad-drittijiet fundamentali*

*Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni kollha affettwati mill-iskambju elettroniku ta' data permezz tas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari d-dritt għal aċċess effettiv għall-ġustizzja, id-dritt għal proċess ġust, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u d-dritt tal-privatezza, għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ skont id-dritt tal-Unjoni.*

#### Kapitolu 2

Kompożizzjoni, funzjonijiet u responsabbiltajiet fir-rigward tas-sistema e-CODEX

#### Artikolu 5

##### Kompożizzjoni tas-sistema e-CODEX

1. Is-sistema e-CODEX għandha tkun magħmula minn:
  - (a) punt ta' aċċess e-CODEX ■ ;
  - (b) standards proċedurali diġitali; **u**
  - (c) *il-prodotti software, id-dokumentazzjoni u assi oħra ta' appoġġ elenkati fl-Anness.*

2. Il-punti ta' aċċess e-CODEX għandhom ikunu magħmula minn:

- (a) gateway li jikkonsisti minn software, ibbażat fuq sett komuni ta' protokolli, li jippermetti l-iskambju sigur ta' informazzjoni fuq network tat-telekomunikazzjoni ma' gateways oħra li jużaw l-istess sett komuni ta' protokolli;
- (b) konnettur, li jagħmilha possibbli li s-sistemi kkonnettjati jiġu konnessi mal-gateway imsemmi fil-punt (a), li jikkonsisti minn software, ibbażat fuq sett komuni ta' protokolli miftuħa, li jippermetti dan li ġej:
  - (i) l-istrutturar, ir-reġistrazzjoni tad-data u l-konnessjoni ta' messaġġi;
  - (ii) il-verifika tal-integrità u l-awtentiċità tal-messaġġi;
  - (iii) il-ħolqien ta' evidenza marbuta mal-ħin tal-wasla għall-messaġġi skambjati.

█

## Artikolu 6

### Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
  - (a) l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi minimi, inkluż għas-sigurtà ***u metodi għall-verifika tal-integrità u l-awtentità***, li jirfdu l-komponenti tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 5;
  - (b) ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz għall-attivitajiet li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA msemmija fl-Artikolu 7 u speċifikazzjonijiet tekniċi oħra neċessarji għal dawk l-attivitajiet, ***inkluż l-għadd ta' korrispondenti e-CODEX***;
  - (c) l-arranġamenti speċifiċi għall-proċess ta' trasferiment u akkwizzizzjoni msemmi fl-Artikolu 10.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta, ***permezz ta' atti*** ta' implimentazzjoni, standards proċedurali diġitali, ***sakemm l-adozzjoni ta' standards proċedurali diġitali ma tkunx prevista f'atti legali oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.***

3. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu **19(2)**.
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista ta' punti ta' aċċess awtorizzati e-CODEX li jiġihaddmu minn istituzzjonijiet, korpi, **uffiċċji** u aġenziji tal-Unjoni, u tal-**istandards proċedurali diġitali** li kull wieħed minn dawk il-punti ta' aċċess awtorizzati e-CODEX japplika. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika dik il-lista u kwalunkwe bidla lill-eu-LISA mingħajr dewmien .
5. Il-Kummissjoni għandha taħtar **għadd ta'** korrispondenti e-CODEX **b'mod proporzjonat għall-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX li hija tkun awtorizzat u għall-għadd ta' standards proċedurali diġitali li dawk il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati japplikaw.** **Dawk** il-korrispondenti e-CODEX biss għandhom ikunu intitolati li jitolbu u jirċievu appoġġ tekniku kif imsemmi fl-Artikolu **7(1)**, il-punt (f), fir-rigward tas-sistema e-CODEX li titħaddem minn istituzzjonijiet, korpi, **uffiċċji** u aġenziji tal-Unjoni, **skont it-termini stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dan l-Artikolu.** Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lista tal-korrispondenti e-CODEX li tkun ħatret u bi kwalunkwe bidla fiha lill-eu-LISA.

## Artikolu 7

### Responsabbiltajiet tal-eu-LISA

1. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli **█** għall-komponenti tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 5, ***bl-eċċezzjoni tal-gateway, u, b'mod partikolari, għall-kompiti li ġejjin:***  
**█**
  - (a) l-iżvilupp, iż-żamma, ***it-tiswija ta' bugs u l-aġġornament, inkluż fir-rigward tas-sigurtà***, prodotti software ***u assi oħra*** u d-distribuzzjoni tagħhom lill-***entitajiet li jħaddmu*** punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
  - (b) ***it-thejjja***, iż-żamma u l-***aġġornament tad***-dokumentazzjoni relatata mal-komponenti tas-sistema e-CODEX, il-prodotti software ta' appoġġ tagħha ***u assi oħra, u d***-distribuzzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ***lill-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;***
  - (c) l-iżvilupp, iż-żamma u l-aġġornament ta' fajl ta' konfigurazzjoni li jkun fih lista eżawrjenti ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, inkluż l-***istandards proċedurali diġitali li*** kull wieħed minn ***dawk*** il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati japplika, u tidistribwixxih lill-***entitajiet li jħaddmu*** punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;

- (d) tagħmel bidliet tekniċi ■ u żżid karatteristiċi ġodda, ippublikati bħala verżjonijiet ġodda tas-**software** ■ , fis-sistema e-CODEX sabiex twieġeb għar-rekwiżiti emerġenti, **bħal** dawk li jirriżultaw mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu **6(2)**, jew fejn mitlub ■ mill-Grupp Konsultattiv e-CODEX;
- (e) l-appoġġar u l-koordinament ta' attivitajiet ta' ttestjar, inkluż il-konnettività, li jinvolvu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
- (f) il-forniment ta' appoġġ tekniku għall-korrispondenti ta' e-CODEX fir-rigward tas-sistema e-CODEX;
- (g) ***l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, iż-żamma u l-aġġornament tal-istandards proċedurali diġitali*** u t-tqassim tagħhom lill-***entitajiet li jħaddmu*** punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati;
- (h) il-pubblikazzjoni fuq is-sit web tagħha ta' lista tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati li ġew innotifikati lilha u ***l-istandards proċedurali diġitali li*** kull wieħed minn ***dawk*** il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati japplika;
- (i) l-għoti ta' tweġibiet għal talbiet għal parir tekniku u appoġġ mis-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tat-tnejjija tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu **6(2)**;

- (j) *l-evalwazzjoni tal-bżonn, il-valutazzjoni u t-tnejn ta' standards proċedurali diġitali ġodda*, inkluż bl-organizzazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' workshops mal-korrispondenti e-CODEX;
- (k) *l-iżvilupp, iż-żamma u l-aġġornament tal-Vokabolarju Fundamentali tal-Ġustizzja elettronika tal-UE li fuqu huma bbażati l-istandards proċedurali diġitali;*
- (l) *l-iżvilupp u d-distribuzzjoni tal-istandards operattivi tas-sigurtà, kif previst fl-Artikolu 11;*
- (m) *l-ġoti ta' taħriġ, inkluż lill-partijiet ikkonċernati kollha, dwar l-użu tekniku tas-sistema e-CODEX f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1726, inkluż il-forniment ta' materjali ta' taħriġ online.*

2. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-kompiti addizzjonali li ġejjin:

- (a) il-forniment, it-tħaddim u ż-żamma tal-infrastruttura tal-IT tal-hardware u tas-software fis-siti tekniċi tagħha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha;

- (b) il-forniment, it-tħaddim u ż-żamma ta' pjattaforma ċentrali tal-ittestjar, ***filwaqt li jiġu żgurati l-integrità u d-disponibbiltà tal-bqija tas-sistema e-CODEX***;
  - (c) tinforma lill-pubbliku ġenerali ■ dwar is-sistema e-CODEX permezz ta' sett ta' kanali ta' komunikazzjoni fuq skala kbira, ***inkluż*** siti web jew pjattaformi tal-media soċjali;
  - (d) it-thejjja, l-aġġornament u d-distribuzzjoni online ta' informazzjoni mhux teknika relatata mas-sistema e-CODEX u l-attivitajiet imwettqa minnha.
3. ***Għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 1***, l-eu-LISA għandha tagħmel riżorsi disponibbli fuq bażi on-call matul il-ħinijiet tax-xogħol biex tipprovdi lill-***korrispondenti e-CODEX*** b'punt uniku ta' kuntatt ***għall-appoġġ tekniku, inkluż għall-gateway***.

## Artikolu 8

### Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri **għandhom jawtorizzaw il-punti ta' aċċess e-CODEX għas-sistemi konnessi fit-territorju tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. L-Istati Membri għandhom iżommu lista ta' dawk il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati u tal-istandards proċedurali diġitali li kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat japplika. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dik il-lista u kwalunkwe bidla fiha lill-eu-LISA mingħajr dewmien. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-kondizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni jiġu ssodisfati kontinwament. L-Istati Membri ma għandhomx iħaddmu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati tagħhom f'pajjiżi terzi.**
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar **għadd ta' korrispondenti e-CODEX b'mod proporzjonat għall-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX li hija tkun awtorizzat u għall-għadd ta' standards proċedurali diġitali li dawk il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati japplikaw.** Dawk il-korrispondenti **e-CODEX** biss għandhom ikunu intitolati li jitolbu u jirċievu **█** appoġġ tekniku **kif** imsemmi fl-l-Artikolu 7(1), il-punt (f), skont it-termini definiti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (b). Kull Stat Membru għandu jinnotifika lista tal-korrispondenti e-CODEX li jkun ħatar u kwalunkwe bidla fiha lill-eu-LISA.

## Artikolu 9

Responsabbiltajiet tal-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati

1. Entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandha tkun responsabbli għall-***istabbiliment sigur tiegħu u li dan jiġi operat b'mod sigur. Dik*** ir-responsabbiltà għandha tinkludi l-adattamenti meħtieġa għall-konnettur imsemmi fl-Artikolu **5(2)**, il-punt (b), biex ikun kompatibbli ma' kwalunkwe sistema kkonnettjata **■** .
2. Entità li topera punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat għandha tipprovdi ***lill-Istat Membru li jkun awtorizza l-punt ta' aċċess e-CODEX bid-data statistika stabbilita fl-Artikolu 15(1) u fl-atti legali tal-Unjoni rilevanti adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.***
3. Ir-responsabbiltà għal kwalunkwe dannu li jirriżulta mill-operat ta' punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat u kwalunkwe sistema kkonnettjata għandha tiġġarrab, ***fuq il-bażi tal-liġi applikabbli***, mill-entità li topera dak il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat.

## Artikolu 10

### Trasferiment u akkwiżizzjoni

1. L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha, sal-31 ta' Diċembru 2022, tippreżenta dokument komuni ta' trasferiment lill-eu-LISA li jispeċifika l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX, inkluż il-kriterji għal proċess ta' trasferiment li jkun ta' suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess u dokumentazzjoni relatata, kif stabbilit mill-atti ta' implimentazzjoni **adottati** skont l-Artikolu **6(1), il-punt (c)**. **Id-dokument ta' trasferiment għandu jinkludi wkoll** dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew id-drittijiet tal-użu relatati mas-sistema e-CODEX u l-**prodotti** software, **id-dokumentazzjoni u assi oħra ta' appoġġ** elenkati fl-Anness, li jippermettu lill-eu-LISA twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 7.
2. **Fi żmien il-perijodu ta' sitt xhur wara** l-kunsinna tad-dokument ta' trasferiment imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jsir proċess ta' trasferiment u ta' akkwiżizzjoni bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA. **Sa meta jsir it-trasferiment**, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha żżomm responsabbiltà sħiħa **għaliha** u għandha tiżgura li **ma jsir ebda tibdil** fis-sistema e-CODEX **u** li ma jsir ebda **rilaxx ta' software ġdid ħliet għall-fini li titwettaq manutenzjoni korrettiva** tas-sistema **■** e-CODEX.

3. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzizzjoni sabiex tiżgura li l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX jiġu implimentati b'mod korrett mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u mill-eu-LISA, abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1. ***Il-Kummissjoni għandha taġġorna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Lulju 2023 dwar il-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzizzjoni.***
  
4. L-eu-LISA għandha tiegħu f'idejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX fid-data li fiha l-Kummissjoni ***tiddikjara*** t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzizzjoni, ***bejn*** 1-1 ta' Lulju 2023 ***u l-31 ta' Diċembru 2023, wara li tikkonsulta mal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.***

## Artikolu 11

### Sigurtà

1. Wara l-akkwiżizzjoni b'suċċess tas-sistema e-CODEX, eu-LISA għandha tkun responsabbli għaż-żamma ta' livell għoli ta' sigurtà meta twettaq il-kompiti tagħha, inkluż is-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT tal-hardware u tas-software imsemmija fl-Artikolu 7(2). B'mod partikolari, eu-LISA għandha tistabbilixxi u żżomm pjan ta' sigurtà e-CODEX u tiżgura li s-sistema e-CODEX titħaddem f'konformità ma' dak il-pjan ta' sigurtà, b'kont meħud tal-klassifikazzjoni tal-informazzjoni pproċessata fis-sistema e-CODEX u r-regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni tal-eu-LISA. Il-pjan ta' sigurtà għandu jipprevedi spezzjonijiet u awditi regolari tas-sigurtà, inkluż valutazzjonijiet tas-sigurtà tas-software, tas-sistema e-CODEX bil-parteċipazzjoni tal-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati.
2. Meta twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha, l-eu-LISA għandha timplimenta l-prinċipji tas-sigurtà mid-disinn u tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku. ■
3. L-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati għandu jkollhom ir-responsabbiltà esklużiva biex ***jistabilixxuhom b'mod sigur u jħaddmuhom b'mod sigur***, inkluż għas-sigurtà tad-data trażmessa permezz tagħhom, ***filwaqt li jitqiesu l-istandards tekniċi stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), u r-regoli u l-gwida dwar is-sigurtà msemija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.***

4. ***Entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati*** għandhom jinnotifikaw, mingħajr dewmien, kwalunkwe ***inċident*** ta' sigurtà lill-eu-LISA u, fil-każ ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati mħaddma minn awtorità pubblika nazzjonali jew persuna ġuridika ***awtorizzata skont il-liġi nazzjonali***, lill-Istat Membru li jżomm il-lista li fuqha huma elenkati dawk il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati jew, fil-każ ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati mħaddma minn istituzzjoni, korp, ***uffiċċju*** jew aġenzija tal-Unjoni, lill-Kummissjoni.
  
5. ***Meta l-eu-LISA tindividwa kwalunkwe vulnerabbiltà jew inċident ta' sigurtà jew malli tirċievi notifika ta' inċident ta' sigurtà kif previst fil-paragrafu 4, l-eu-LISA għandha tanalizza l-inċident ta' sigurtà u tinforma lill-entitajiet li jħaddmu l-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati milquta minnu u lill-Grupp Konsultattiv e-CODEX mingħajr dewmien.***
  
6. L-eu-LISA għandha tiżviluppa regoli ta' sigurtà u gwida rigward il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati. L-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati għandhom jipprovdi lill-eu-LISA b'dikjarazzjonijiet li jagħtu prova tal-konformità tagħhom **■** mar-***regoli*** tas-sigurtà li jirrigwardaw il-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati. Dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu aġġornati fuq bażi annwali jew kull meta bidla tkun meħtieġa mod ieħor.

## Artikolu 12

### Grupp Konsultattiv e-CODEX

1. Mill-1 ta' Jannar 2023, il-Grupp Konsultattiv e-CODEX, stabbilit skont l-Artikolu 27(1), il-punt (dc), tar-Regolament (UE) 2018/1726, għandu jipprovdi lill-eu-LISA l-għarfien espert meħtieġ relatat mas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tnejjija tal-programm ta' ħidma annwali tagħha u r-rapport annwali tal-attività tagħha **■**. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX *jista' jistabbilixxi sottogrupperi, magħmula minn xi wħud mill-membri tiegħu, għall-fini tal-eżami ta' kwistjonijiet speċifiċi, inkluż standards proċedurali diġitali speċifiċi.*
2. *Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu, b'mod partikolari:*
  - (a) *isegwi l-istat ta' implimentazzjoni tas-sistema e-CODEX fl-Istati Membri;*
  - (b) *jevalwa l-ħtieġa għal, u jivvaluta u jħejji, standards proċedurali diġitali ġodda;*
  - (c) *jippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien;*

*(d) jimmonitorja l-konformità tal-eu-LISA mar-rekwiżiti tal-livell ta' servizz stipulati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 6(1), il-punt (b);*

*(e) jipprovdi opinjoni dwar abbozz ta' verżjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 16.*

3. Matul il-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzizzjoni msemmi fl-Artikolu 10, il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jiltaqa' regolarment, mill-inqas kull xahrejn sakemm il-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzizzjoni jintemm b'suċċess ***u mill-inqas kull sitt xhur wara dan.***
4. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jirrapporta wara kull laqgħa lill-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jipprovdi għarfien espert tekniku biex jappoġġa l-kompiti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX █ .
5. Il-Grupp Konsultattiv e-CODEX għandu jinvolti lill-***partijiet ikkonċernati u lill-esperti rilevanti*** fil-ħidma tiegħu, ***inkluż membri tal-ġudikatura, Prattikanti legali u organizzazzjonijiet professjonali*** █ , li ***huma affettwati minn, jużaw jew jipparteċipaw*** fis-sistema e-CODEX █ .

## Artikolu 13

### Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX

1. Sal-1 ta' Jannar 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA għandu jistabbilixxi Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX *permanenti*.

#### ***Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu:***

- (a) *jagħti parir lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema e-CODEX, b'mod partikolari matul il-proċess ta' trasferiment u ta' akkwizzjoni msemmi fl-Artikolu 10, fir-rigward tal-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet, u impenji strateġiċi oħra;*
- (b) *jiżgura l-ġestjoni adegwata tas-sistema e-CODEX; u*
- (c) *jissorvelja r-rispett għall-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura u jieħu azzjoni preventiva jew korrettiva fil-pront, fejn meħtieġ.*

#### ***Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX ma għandux ikollu mandat biex jirrappreżenta lill-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.***

2. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu jkun magħmul mill-***għaxar membri*** li ġejjin:
  - (a) il-president tal-Grupp Konsultattiv e-CODEX imsemmi fl-Artikolu 12;
  - (b) *tmien membri maħtura mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA; u*
  - (c) membru wieħed maħtur mill-Kummissjoni.

#### ***Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu jkollu supplenti.***

Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA għandu jiżgura li l-membri ***tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX u s-supplenti li jaħtar*** ikollhom l-esperjenza meħtieġa, ***inkluż fil-gasam tal-ġustizzja***, u l-għarfien espert rigward it-***twettiq tal-kompiti tagħhom***.

3. ***Il-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX u tas-supplenti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin u għandu jkun jista' jiġġedded.***
4. L-eu-LISA għandha tipparteċipa fil-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX. Għal dak il-għan, ***rappreżentant*** tal-eu-LISA għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX sabiex jirrapporta dwar ħidma li tirrigwarda s-sistema e-CODEX u dwar kwalunkwe ħidma u attività relatata oħra.
5. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu jiltaqa' tal-inqas darba kull ***sitt*** xhur u aktar spiss meta jkun hemm bżonn. ■ Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu jippreżenta rapporti bil-miktub regolament, u ***mill-inqas wara*** kull ***laqgħa***, lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA dwar l-***istatus*** u l-progress tas-***sistema e-CODEX***.
6. Il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu li, b'mod partikolari, għandhom jinkludu regoli dwar:
  - (a) l-għażla tal-***president*** u tal-***viċi president*** u l-***mandati tagħhom***;

- (b) il-postijiet tal-laqgħat;
- (c) it-tħejjija tal-laqgħat;
- (d) l-ammissjoni tal-**partijiet ikkonċernati u** tal-esperti għal-laqgħat, inkluż **membri tal-ġudikatura, prattikanti legali u organizzazzjonijiet professjonali li huma affettwati minn, jużaw jew jipparteċipaw** fis-sistema e-CODEX;
- (e) pjanijiet ta' komunikazzjoni li jiżguraw li l-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA li mhumiex membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX jinżammu infurmati bis-sħiħ dwar il-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX.

█

- 7. **L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2018/1726 għandu japplika mutatis mutandis fir-rigward tal-president u l-viċi president tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX.**
- 8. L-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX u s-sostituti tagħhom għandhom **ikunu raġonevoli u proporzjonati u** jitħallsu minn eu-LISA **f'konformità mar-regoli ta' proċedura tagħha**.
- 9. L-eu-LISA għandha tipprovdi lis-segretarjat għall-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm e-CODEX.

█

## Artikolu 14

### Indipendenza tal-ġudikatura

1. *Meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament, l-entitajiet kollha għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura, filwaqt li jqisu l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat.*
2. *Għal dak il-għan, l-eu-LISA għandha timpenja r-riżorsi pprovduti lilha għas-sistema e-CODEX fl-intier tagħhom għall-operazzjoni tagħha skont dan ir-Regolament u għandha tiżgura l-involviment ta' rappreżentanti tal-ġustizzja fil-ġestjoni tas-sistema e-CODEX, skont l-Artikoli 12 u 13.*

## Artikolu 15

### Notifiki

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena wara li l-eu-LISA tieħu b'suċċess ir-responsabbiltà tas-sistema e-CODEX, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-eu-LISA bid-data statistika li ġejja:

■

- (a) l-għadd ta' messaġġi *tekniċi* mibgħuta u riċevuti *permezz ta'* kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat *għas-sistemi kkonnettjati fit-territorju* tagħhom, raggruppati skont il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat korrispondenti u *l-istandard proċedurali diġitali, sakemm ma tapplikax proċedura ta' notifika ekwivalenti skont att legali ieħor tal-Unjoni;*

(b) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati **għas-sistemi kkonnettjati** fit-territorju tagħhom li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX, **sakemm ma tapplikax proċedura ta' notifika ekwivalenti skont att legali ieħor tal-Unjoni.**

2. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena wara li l-eu-LISA tiegħu b'suċċess ir-responsabbiltà tas-sistema e-CODEX, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-eu-LISA bid-data statistika li ġejja:

■

(a) l-għadd ta' messaġġi **tekniċi** mibgħuta u riċevuti **permezz ta'** kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat **imħaddem minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni**, raggruppati skont il-punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat korrispondenti u **l-istandard proċedurali diġitali, sakemm ma tapplikax proċedura ta' notifika ekwivalenti, skont att legali ieħor tal-Unjoni;**

(b) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati, meta daww l-entitajiet ikunu istituzzjonijiet, korpi, **uffiċċji** u aġenziji tal-Unjoni, li kellhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX, **sakemm ma tapplikax proċedura ta' notifika ekwivalenti skont att legali ieħor tal-Unjoni.**

3. *Notifiki skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonfermaw jekk il-listi tal-punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati u l-istandards proċedurali diġitali msemmija fl-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 8(1) humiex aġġornati.*

#### Artikolu 16

#### Monitoraġġ u rappurtar

1. Sentejn wara li tiegħu r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX, u kull sentejn wara dan, l-eu-LISA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistema e-CODEX, inkluż is-sigurtà tas-sistema e-CODEX.
2. L-eu-LISA għandha tikkonsolida d-data li tirċievi mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri skont l-*Artikolu 6(4), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 15* u ttiprovdi l-indikaturi li ġejjin bħala parti mir-rapport previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:
  - (a) il-lista u l-għadd ta' *standards proċedurali diġitali* li għalihom intużat is-sistema e-CODEX matul il-perijodu ta' rappurtar;
  - (b) l-għadd ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati għal kull Stat Membru u għal kull *standard proċedurali diġitali*;

■

- (c) l-għadd ta' messaġġi **tekniċi** mibgħuta permezz tas-sistema e-CODEX għal kull **standard proċedurali diġitali** bejn kull punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat;
- (d) l-għadd u t-tip ta' inċidenti li għandhom impatt fuq is-sigurtà tas-sistema e-CODEX u l-informazzjoni dwar il-konformità mal-pjan ta' sigurtà e-CODEX.

3. Tliet snin wara li l-eu-LISA tiegħu fidejha r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX, u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tipproduċi evalwazzjoni ġenerali tas-sistema e-CODEX. Dik l-evalwazzjoni ġenerali għandha tinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-oġġettivi segwiti u tista' tipproponi azzjonijiet futuri possibbli. **Meta tipproduċi l-evalwazzjonijiet tagħha**, il-Kummissjoni għandha wkoll teżamina mill-ġdid ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm **e-CODEX** u l-kontinwazzjoni tiegħu **bbażat fuq raġunijiet oġġettivi u, jekk meħtieġ, għandha tipproponi titjib**. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-evalwazzjoni ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## *Artikolu 17*

### *Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali*

- 1. L-eu-LISA tista' tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew il-korpi subordinati tagħhom, regolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, jew ma' entitajiet jew korpi rilevanti oħra, li huma stabbiliti minn, jew abbażi ta', ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar, sabiex ikunu jistgħu jitolbu li jirċievu appoġġ tekniku meta jużaw is-sistema e-CODEX. Dawk l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jiġu konklużi f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2018/1726.*
- 2. L-arranġamenti ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jippermettu l-ħatra ta' persuna fiżika waħda għal kull organizzazzjoni, korp jew entità internazzjonali li sservi bħala korrisponent, li għandha tkun intitolata titlob u tirċievi appoġġ tekniku kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (f), skont it-termini stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (b), dment li tali appoġġ tekniku ma jaffettwawx l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 20(1).*

Kapitolu 3  
Dispożizzjonijiet emendatorji

Artikolu 18  
Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1726

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. "L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva, inkluż l-evoluzzjonijiet tekniċi, tas-sistema kompjuterizzata ***għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji*** ċivili u kriminali (is-"sistema e-CODEX").";

(b) ***il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"5. L-Aġenzija tista' ssir responsabbli għat-tnejn, għall-iżvilupp jew għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 4a ta' dan l-Artikolu, inklużi s-sistemi eżistenti, unikament jekk dan ikun previst mill-atti legali tal-Unjoni rilevanti li jirregolaw dawk is-sistemi, abbażi tal-Artikoli 67 sa 89 TFUE, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq, l-iżviluppi fir-riċerka msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u r-riżultati tal-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett imsemmija fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament."***

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 8b

Kompiti relatati mas-sistema e-CODEX

Fir-rigward tas-sistema e-CODEX, l-Aġenzija għandha twettaq:

- (a) il-kompiti mogħtija lilha permezz tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>+</sup>;
- (b) kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema e-CODEX, inkluż il-forniment ta' materjali ta' taħriġ online.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...dwar sistema kompjuterizzata ***għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji*** ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L ...).";

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(3) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva tas-SIS II, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS, DubliNet, l-ECRIS-TCN, is-sistema e-CODEX u sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira kif imsemmi fl-Artikolu 1(5).";

(4) ***fl-Artikolu 17, paragrafu 3, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:***

***"Il-kompiti relatati mal-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 1(4a) u l-Artikolu 8b għandhom jitwettqu f'Tallinn, l-Estonja.";***

(5) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (ff) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ff) jadotta rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' dan li ġej:

- (i) SIS skont l-Artikolu 60(7) tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* u l-Artikolu 74(8) tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*;
- (ii) VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI;

- (iii) EES skont l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226;
- (iv) ETIAS skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240;
- (v) ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS skont l-Artikolu 36(8) tar-Regolament (UE) 2019/816;
- (vi) il-komponenti tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) 2019/818;

(vii) is-sistema e- CODEX skont l-Artikolu **16(1)** tar-Regolament (UE) .../...  
+;

- 
- \* Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).
- \*\* Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).";

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament.

(b) il-punt (mm) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(mm) jiżgura l-pubblikazzjoni ta' dan li ġej:

- (i) il-lista ta' awtoritajiet kompetenti awtorizzati biex ifittxu direttament fid-data li tinsab fis-SIS skont l-Artikolu 41(8) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 56(7) tar-Regolament (UE) 2018/1862, flimkien mal-lista ta' Uffiċċji tas-sistemi nazzjonali tas-SIS (N.SIS) u tal-Uffiċċji SIRENE skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862, rispettivament;
- (ii) il-lista tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226;
- (iii) il-lista tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240;

- (iv) il-lista ta' awtoritajiet ċentrali skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) 2019/816;
- (v) il-lista ta' awtoritajiet skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) 2019/818;
- (vi) il-lista ta' punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati skont l-Artikolu 7(I), il-punt (h), tar-Regolament (UE) .../...<sup>+</sup>”;

(6) fl-Artikolu 27(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

“(dc) Grupp Konsultattiv e-CODEX;”.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament.

## Kapitolu 4

### Dispożizzjonijiet finali

#### Artikolu 19

##### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

#### Artikolu 20

##### Kostijiet

1. Il-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 7 għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
2. Il-kostijiet għall-kompiti msemmija fl-Artikoli 8 u 9 għandhom jitħallsu mill-Istati Membri *jew* mill-entitajiet li jħaddmu punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati ■ .

Artikolu 21  
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

**ANNEX**

**PRODOTTI SOFTWARE, DOKUMENTAZZJONI U ASSI OĦRA LI  
GĦANDHOM JIĠU TRASFERITI LILL-EU-LISA SKONT L-  
ARTIKOLU 10**

- (1) *Il-pjattaforma ċentrali tal-ittestjar;*
  - (2) *L-Ghodka għall-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni, li hija prodott software użat biex jgħin fit-twettiq tal-kompitu msemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (c);*
  - (3) *Metadata Workbench, li hija prodott software użat biex jgħin fit-twettiq ta' partijiet mill-kompiti msemmija fl-Artikolu 7;*
  - (4) *Il-Vokabularju Fundamentali tal-Ġustizzja elettronika tal-UE, li huwa ass għal termini semantiċi li jistgħu jergħu jintużaw u definizzjonijiet użati biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-data u l-kwalità tad-data matul iż-żmien u f'każijiet ta' użu differenti;*
  - (5) *Dokumentazzjoni tal-arkitettura, li hija dokumentazzjoni użata biex tipprovdi għarfien tekniku u informattiv lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-għażla ta' standards li magħhom għandhom jikkonformaw riżorsi oħra tas-sistema e-CODEX.*
-